"... u l-qawwa li toħroġ minnha nfisha rimi, frieghi, ward, *u biż-żmien il-frott*". (*Hemm*).

"... jekk minn fuq ma kenitx miżmuma *fid-dell*, milquta *mir-riħ, mirgħija mid-dud*". (*Hemm*, facċ. 4).

"... issa jieħdu xejra, issa jieħdu oħra, u xejn *ma jibqa' kif ikun*". (*Hemm*).

"... ħabib tas-sewwa, għadu ta kull għamil *li jgħajjeb, li jtabba'*". (*Il-Malti*, Marzu 1930, facċ. 3).

"... u minn qalbna tixref fuq xufftejna bi tbissima *u b'xi klejma ta' ferħ*". (*Hemm*, facċ. 4).

"... ġmiel illi jħaddan il-ħsieb aktar *milli jqanqal il-qalb*". (*Hemm*).

U nistgħu nżidu ħafna u ħafna eżempji oħra, u nuru li l-Malti, f'idejn min jaf jaħdmu bis-sengħa, jista' jitleħħen f'daqqa ħelwa xejn inqas mill-ilsna ta' Ateni u ta' Ruma. Regoli li jmexxu din l-armonija tal-proża ma nistgħux nagħtu; l-ewwelnett għax għadha mhix magħrufa biżżejjed, u t-tieni għax dawk id-dehriet ta' ġmiel li jleħħu f'moħħ il-kittieb, u dak id-daqq ħelu li hu jħossu jidwi f'qalbu jaqbżu kull xkiel ta' regoli u jitilfu ġmielhom u ħlewwithom malli jitjassru għal-liġi miktuba. Ħaġa waħda nistgħu ngħidu: il-proża mhix poeżija, u għalhekk l-armonija jaħtieġ li tkun flokha, għaliex is-sabiħ jibqa' sabiħ sa kemm idum f'loku; iżjed, it-taqsim tal-kliem ma għandux ikun kontra l-grammatka, is-sintassi jew l-istil tajjeb, u għalhekk ma nistgħux infaħħru l-kittieb tar-rumanz *Inez Farruġ* meta jikteb: *jersqu kienu, bdew kienu, twassal kienet* u ħafna oħra.

Jitgħallmu l-kittieba ż-żgħażagħ tal-proża jorqmu l-kitba tagħhom, u l-aktar il-kitba ta' xejra għolja, b'din iż-żina, li mhix l-iżgħar waħda li ssebbaħ il-kitba Maltija.

**P. P. Saydon.**

## In-Nemusa u l-Barri.

Kien jum tas-sajf; l-għomma ħakmet qatigħ;
nemusa minn moqbejl (1) kien ilha qiegħda
fuq qarn ta' barri mperrċa għall-frisk tistrieħ,
tiddandan sieq fuq sieq, hemmfuq bil-qiegħda.

U biha l-għatx; lemħet satal fuq bir
u tħajret tmur u tixrob minn ġe fih—
Inħarrek ftit ġwenħajja w dlonk intir;
inżarżar naf daqs tromba u ntir bħar-riħ.

—U resqet sewwa lej' widint il-bhima,
u żanżnet erba' żanżiniet bis-sħiħ!
qabel ma telqet u tagħtu tislima,
staqsietu jekk iridx l'hija tħallih.

Weġibha l-barri: – xejn ma rajtek ġejja
u lanqas biss ninduna, meta tmur....
Xejn ma ħassejtek; lanqas naf l'int ħdejja!...
Ilek titlajja xejn hawnhekk u ddur?....

Bosta jifhmu l'huma tlieles (2)
bid-djamanti, jiswew wisq!
Moħħhom dawn mimli bil-flieles
u ma fihom ebda riżq!

**R. M. B.**

## Frak (biex ma jintilefx)

XEWQAT TAL-MILIED

Mill-ġonna tal-larinġ xtaqt niġbor qabda
żahar li jfewwaħ taħt ix-xemx t'April,
inħallat miegħu xi wardiet tas-silla
li jħammru qabel jibda s-Sajf qalil:

Nagħmel bukkett, nofs abjad u nofs aħmar,
marbut bi xniexel tal-ħaxix tal-Wied,
ngħabbih b'xewqat ta' Saħħa, Ġid u Hena
u ntih lil Mr. ARKELL għall-MILIED

**Dun Karm.**

(1) Minn kmieni.
(2) Xkejjer kbar.